TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 208/21/MM

Jonathan Scott Fava

Vs

Little Stars

Illum, 9 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-1 ta' Diċembru 2021 fejn talbu s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180), rappreżentanti l-prezz imħallas għal *high chair* li xtaqu jirritornaw stante li fl-istess żmien kienu qalaw rigal simili.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tal-11 ta' Jannar 2022 fejn tgħid li l-high chair m'għandu l-ebda difett u għalhekk l-ebda rifużjoni m'hija dovuta iżda huma lesti joffru voucher.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti xtraw *high chair* mingħand is-soċjeta' intimata fl-20 ta' Settembru 2021 li ġie konsenjat nhar it-23 ta' Settembru 2021. Illi r-rikorrenti jispjega li bla ħsieb irċevew

rigal simili u għalhekk fil-5 t' Ottubru 2021 huma nfurmaw lis-soċjeta' intimata li xtaqu jirritornaw il-*high chair* li kien għadu ppakjat fil-kaxxa u qatt ma ntuża.

Illi mill-korrispondenza ppreżentata jirriżulta li s-soċjeta' intimata spjegat li *r-return policy* tagħha hija ta' għaxart (10) ijiem biss fil-każ odjern kienet lesta tagħmel eċċezzjoni u toffri credit note valida għal xahrejn li iżda kellha tintuża f'darba waħda biss. Illi r-rikorrenti ma kienux kuntenti b'dawn il-kundizzjonijiet u għalhekk insistew li jirritornaw il-*high chair* u jieħdu l-flus lura.

Illi minkejja li mix-xhieda ma toħroġx b'mod ċar jekk il-bejgħ sarx ġol-ħanut jew barra, l-evidenza ossia l-irċevuta u l-korrispondenza turi li dan il-bejgħ sar online.

**Ikkunsidra**

L-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-provvedimenti Regolamenti dwarid-Drittijiet tal-Konsumatur S.L 378.17. Ir-regolament 10 jaqra hekk:

**10.(1)** Ħlief fejn japplikaw l-eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 18, il-konsumatur għandu jkollu perjodu ta' erbatax(14)-il jum biex jirtira minn kuntratt mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju, mingħajr ma jagħti raġuni, u mingħajr ma jeħelspejjeż differenti minn dawk previsti fir-regolamenti 15(2) u 16.

Kuntratt mill-bogħod tfisser kwalunkwe kuntratt konkluż bejnil-kummerċjant u l-konsumatur fil-qafas ta' skema ta' bejgħ mill-bogħod organizzat jew skema ta' provvista ta' servizzi, mingħajr il-preżenza simultanja u fiżika tal-kummerċjant u l-konsumatur, bl-użu esklużiv ta' mezz wieħed jew iktar tal-komunikazzjoni mill-bogħod, sal-konklużjoni tal-kuntratt, inkluża l-konklużjoni tal-kuntratt stess.

Għalhekk meta l-konsumaturi jagħżlu li jixtru prodotti jew servizzi permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, bħal online, jew minn post li ma jkunx il-post tan-negozju tal-

kummerċjant, allura l-konsumaturi għandhom id-dritt legali li jibdlu fehmhom u jikkanċellaw il-kuntratt tal-bejgħ. Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur jistipulaw li meta l-oġġetti jinxtraw mill-bogħod jew barra mill-post tan-negozju, il-konsumaturi huma intitolati għal perjodu ta' rtirar ta' 14-il jum, magħruf ukoll bħala l-perjodu ta' '*cooling-off*', li matulu jkunu jistgħu jikkanċellaw il-bejgħ u jitolbu lura rifużjoni sħiħa tal-flus imħallsa lill-bejjiegħ.

Il-liġi tirrikjedi li n-negozjanti jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar dawn id-drittijiet tal-kanċellazzjoni qabel ma jiġi konkluż il-bejgħ. Jekk din l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta lill-konsumaturi, allura l-perjodu ta' riflessjoni għandu jiġi estiż għal sena mid-data tal-kuntratt tal-bejgħ jew sa 14-il jum mid-data li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar id-drittijiet tal-kanċellazzjoni tagħhom.

Il-perjodu ta' rtirar ta' 14-il jum jibda mill-jum li fih il-konsumaturi jieħdu l-pussess fiżiku tal-oġġetti. Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz, il-perjodu ta' rtirar jiskadi wara 14-il jum mill-iffirmar tal-kuntratt tal-bejgħ. Meta jeżerċitaw id-drittijiet tal-kanċellazzjoni tagħhom, il-konsumaturi mhumiex obbligati li jipprovdu raġuni għaliex iridu jikkanċellaw il-bejgħ u m'għandhomx iġarrbu spejjeż addizzjonali.

L-uniċi spejjeż li l-konsumaturi jistgħu jkunu meħtieġa li jħallsu huma dawk relatati mar-ritorn tal-oġġetti mhux mixtieqa lill-bejjiegħ. Madankollu, il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati b'mod ċar dwar dawn l-ispejjeż qabel ma jiġi konkluż il-bejgħ. Jekk le, dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-bejjiegħ. Fir-rigward ta' kuntratti lil hinn mill-post tan-negozju, jekk l-oġġetti mhux mixtieqa jkunu ġew ikkunsinnati fid-dar tal-konsumaturi, il-bejjiegħ għandu jiġbor lura l-oġġetti bi spejjeż tiegħu, jekk min-natura tagħhom, l-oġġetti ma jistgħux jintbagħtu lura bil-posta.

Meta l-konsumaturi jiddeċiedu li jikkanċellaw kuntratt mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju, il-bejjiegħ għandu jiġi infurmat bil-miktub sabiex il-konsumaturi jkollhom prova li kkanċellaw il-bejgħ fil-limitu legali stipulat. Ladarba bejgħ jiġi kkanċellat, in-

negozjanti huma obbligati li jħallsu lura kwalunkwe flus imħallsa mill-konsumaturi fi żmien 14-il jum mid-data li l-bejjiegħ ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-konsumaturi.

Illi t-Tribunal jinnota li l-kriterji kollha stabbiliti mill-liġi huwa sodisfatti fil-każ odjern u għalhekk ma jarax għaliex m'għandux jgħaddi biex jilqa' t-talba.

DECIDE

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) fi żmien ġimgħa mil llum. Il-*high chair* għandu jinġabar mis-soċjeta intimata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Avv Dr. Martha Mifsud**

**Arbitru**